# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 482/2015/LSO**

**Carmel *sive* Charles Borg (K.I. 0444068(M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmel *sive* Charles Borg detentur tal-Karta tal-Identita' numru 0444068(M) datat 20

ta' Mejju 2015 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu huwa kkonferma -

**Raguni tat-Talba**

Illi kif premess, fl-Att tat-Twelid tieghu l-esponenti inghata l-isem "Carmel" bhala l-isem li bih kellu jissejjah, izda, ilu hajtu kollha juza l-isem **"Charles"** bhala l-isem li bih jigi msejjah u huwa maghruf u konsistentament imsejjah u maghruf bhala "Charles" anke mill-familja tieghu, kif ukoll minn qrabatu, hbiebu, konoxxenzi u kollegi tieghu;

Illi l-esponenti ghandu l-interess li l-Att tat-Twelid tieghu kif ukoll l-Atti l-ohrajn kollha li huwa jista' jkollu fil-futur, ikunu jirriflettu l-isem li hu u l-familja tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah u hu maghruf u cioe' l-isem "Charles" minflok "Carmel";

Illi ghalhekk l-esponenti qieghed jipprocedi sabiex l-isem "Charles" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tieghu minflok l-isem "Carmel" li jidher annotat fil-kolonna intestata "Isem il-Wild", u dana *a tenur* **tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Talbiet:**

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex -

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti huwa konsistentament imsejjah u maghruf bhala **"Charles"** u mhux bhala "Carmel";

2. Tordna illi l-isem "Charles" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4440/1968 minflok l-isem "Carmel" b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" jitnizzel l-isem "Charles" minflok "Carmel";

3. Tordna illi l-Atti l-ohrajn kollha li huwa jista' jkollu fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li hu u l-familja tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah u hu maghruf u cioe' "Charles" minflok l-isem "Carmel".

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta' Gunju 2015 (fol 23) fejn espona bil-qima, u Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u ikkonfermat :

1. IIIi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas himistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. IIIi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u

kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien id-dikjarant fuq l-Att tat-twelid *de quo* li ghamel id-dikjarazzjoni fl-Att u anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet wahda korretta;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 7 ta' Lulu 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Charlene Grima ghall-attur prezenti u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Intimat. Dr. Grima ddikjarat li ma fadlilhiex provi ulterjuri. Dr. Cordina ddikjara li ma ghandux provi aktar x'jipproduci. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet t-talba u ddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Settembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili billi jigi sostitwit l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa.

Tali talba tirnexxi jekk ir-rikorrent jipprova ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li huwa konsistentement maghruf bl-isem "Charles" minflok "Carmel".

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-29 ta' Mejju 2015 (fol.20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

In sostenn tat-tezi tieghu, l-attur, li hu disinjatur ewlieni fil-qasam tal-moda, esebixxa affidavit dettaljat, fejn spjega li ilu maghruf bl-isem Charles, kemm fil-hajja socjali tieghu kif ukoll fin-negozju li jgestixxi. Dan lokalment kif ukoll fil-qasam internazzjonali. Dan gie korroborat minn ommu, Mary Borg[1] fejn xehdet li binha minn dejjem kien imsejjah u maghruf bhala "Charles." L-istess xehdet Romina Camilleri.[2]

Illi fid-dawl tal-provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li huwa konsistentement kien u ghadu maghruf bl-isem "Charles" u t-talba tieghu hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-Att tat-twelid, esebit mill-istess intimat, u ghal din ir-raguni l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Ghall-fini tat-tielet talba, ir-rikorrent esebixxa estratt veru mill-Att tal-Unjoni Civili li jgib in-numru progressiv 16/2015 (**Dok.CR)** u stqarr li jixtieq li ismu fuq dan l-att ukoll jigi

---

[1] Affidavit a fol 10 tal-process.
[2] Affidavit a fol.11 tal-process.

korrett. Ghalhekk din it-talba ser tigi akkolta fir-rigward ta' dan l-Att.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet sollevati skont dan li gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent huwa konsistentament imsejjah u maghruf bhala **"Charles"** u mhux bhala "Carmel";

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna illi l-isem "Charles" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4440/1968 minflok l-isem "Carmel" b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" jitnizzel l-isem "Charles" minflok "Carmel";

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna illi l-isem "Charles" jigi registrat fuq l-Atti tal-Unjoni Civili li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 16/2015 minflok l-isem "Carmel" b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem u kunjomi (is-sieheb/siehba)" jitnizzel l-isem "Charles" minflok "Carmel.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll

riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru 2015**